# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 30 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 133/01 AJD*

Mirage Holdings Limited

vs

Karmenu Falzon

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Frar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlieta u sebghin liri Maltin (Lm73.00), in kwantu ghas-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70.00) import ta' hames (5) kambjali (Dok, 1,2,3,4 u 5) li d-data tal-maturita' taghhom skadiet, u in kwantu ghal tlett liri Maltin (Lm3.00) bhala imghaxijiet legali fuq l-istess ammont.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-9 ta' April, 2001, fejn hija rriduciet it-talba taghha minn tlieta u sebghin liri Maltin (Lm73.00) ghal tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm28.00) stante li l-konvenut effetwa pagament fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin liri Maltin (Lm28.00) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR